**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/053 |
| **Allegazzjoni:** | Użu indebitu ta' fondi pubbliċi sabiex tingħata pubbliċità lis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul |
| **Ilmentaturi:** | L-Onor. Dr Karol Aquilina u l-Onor. Ivan Castillo |
| **Data tal-Ilment:** | 2 t'Ottubru 2023 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 14 ta' Novembru 2024 |

**L-Ilment**

1. Fit-2 t'Ottubru 2023, permezz ta' ittra, l-Onor. Dr Karol Aquilina u l-Onor. Ivan Castillo (l-Ilmentaturi) allegaw illi deher riklam imħallas minn fondi pubbliċi fuq il-paġna ta' Facebook tas-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, liema riklam kien *"jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul."*

2. L-Ilment huwa anness ma' dan ir-rapport bħala **Dok. A**, flimkien ma' screenshots li juru r-riklam kif deher fuq l-imsemmija paġna ta' Facebook.

3. Dan l-ilment jittratta dwar aġġornament ("post") li deher fuq is-sit soċjali Facebook fit-28 ta' Settembru 2023. L-aġġornament deher f'paġna fuq Facebook intolata "Djalogu Soċjali", li hija l-paġna uffiċjali tas-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

4. L-aġġornament ħa l-forma ta' filmat ta' minuta u sebgħa u tletin sekonda li fih jidher l-Onor. Dr Andy Ellul flimkien mas-Sa. Angela Agius, Chairperson tal-bord tal-għażla tal-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena. L-Onor. Dr Ellul jidher u/jew jinstema' jitkellem fil-filmat għal madwar minuta.

5. Dan l-aġġornament kien "sponsored post". Dan ifisser li s-Segretarjat għad-Djalogu Soċjali, bħala s-sid tal-paġna fejn ittella' l-aġġornament, ħallas sabiex l-aġġornament ikollu ċirkolazzjoni usa' min-normal fost dawk li jużaw Facebook.

6. Wara li ħa konjizzjoni tal-ilment ippreżentat mill-Ilmentaturi, dan l-Uffiċċju nnota illi l-istess aġġornament deher ukoll bħala sponsored post fuq il-paġna personali tal-Onor. Dr Ellul fuq Facebook. Fil-każ ta' dan ir-riklam, l-aġġornament deher li hu mħallas minn Dar il-Mediterran għall-Konferenzi skont id-dettalji dwar ir-riklam li kienu aċċessibbli fuq Facebook (**Dok. B**).

**Il-Kuntest**

7. Fis-17 ta' Marzu 2021 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti, Dr George Hyzler, ħareġ rapport dwar każ ta' riklam maħruġ minn ministeru tal-gvern li ġie ppubblikat f'diversi gazzetti.[1] Ir-riklam kien ta' paġna sħiħa iżda nofsu kien meħud minn ritratt tal-ministru konċernat. Fir-rapport tiegħu dwar dan il-każ, il-Kummissarju Hyzler ikkonkluda li r-riklam kien jinvolvi l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi minn ministru għall-iskop ta' pubbliċità personali.

8. Il-Kummissarju Hyzler irrefera r-rapport tiegħu lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Wara d-diskussjoni fil-Kumitat, il-membri tal-Kumitat ivvutaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker bħala Chairman tal-Kumitat kellu vot deċiżiv, iżda astjena. Fi stqarrija li huwa ppubblika biex jispjega għalfejn għażel li jastjeni, l-Ispeaker qal:

> *Is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi hija tikkondividi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u dan kif effettivament għamel referenza għalih ukoll il-Ministru Edward Zammit Lewis, illi għandu jkun hemm guidelines anke dwar kif jiġu magħmula l-adverts. Dan sabiex jiġu stabbiliti kriterji ċari li wieħed għandu jimxi fuqhom biex ikun aktar konfortat illi b'dak li qed jagħmel ma jkunx b'xi mod qed jikser xi regolament tal-istess Kodiċi ta' Etika.*[2]

---

[1] Rapport dwar il-każ K/028, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf.

[2] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker dwar il-Każ K/028 fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://cdnothers.timesofmalta.com/1a8a4fc335646718fefdaa33b4c9e5441612096a.pdf.

9. Fid-dawl ta' dan, fit-22 ta' Ġunju 2021 il-Kummissarju ppubblika abbozz ta' linji gwida intitolati *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material,* sabiex kull min kellu interess, inkluż il-partiti politiċi, il-gvern u l-pubbliku in ġenerali seta' jissottometti l-veduti tiegħu dwarhom.

10. Fit-2 ta' Awwissu 2021 il-Kummissarju ppubblika l-linji gwida bħala dokument definittiv.[3] Huwa bagħat kopja tagħhom lil kull deputat parlamentari fis 6 ta' Awwissu 2021 sabiex id-deputati jiġu aġġornati b'dawn l-iżviluppi u jirregolaw ruħhom fid-dawl tal-istess linji gwida. Fl-ittra li bagħat lid-deputati flimkien mal-linji gwida, il-Kummissarju qal:

> *Il-linji gwida huma maħsuba biex jiżguraw li l-infieq ta' fondi pubbliċi fuq riklami u materjal promozzjonali jservi skop leġittimu fl-interess pubbliku, u ma jintefqux fondi pubbliċi fuq pubbliċità personali jew politika.*
>
> *Dawn il-linji gwida ma jirrappreżentawx regoli ġodda fihom infushom. Huma jindikaw kif jiena bi ħsiebni ninterpreta r-regoli eżistenti fil-kodiċi ta' etika tal-ministri u l-kodiċi li japplika għall-persuni ta' fiduċja jekk ikolli każ li jinvolvi riklami jew materjal promozzjonali imħallsa minn fondi pubbliċi.*

11. Fl-1 ta' Ġunju 2022 il-Kummissarju preċedenti ħareġ rapport dwar każ ieħor li kien jinvolvi riklami mħallsa minn fondi pubbliċi.[4] F'dan il-każ ukoll il-membri tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ivvutaw tnejn favur u tnejn kontra r-rapport. L-Ispeaker ta l-vot deċiżiv tiegħu kontra r-rapport, li b'hekk ma ġiex adottat mill-Kumitat. L-Ispeaker ibbaża l-vot deċiżiv tiegħu fuq il-fatt li l-linji gwida ta' Awwissu 2021 ma kellhomx saħħa legali.[5]

12. Fid-dawl ta' dan, is-sottoskritt kiteb lill-Ispeaker fit-18 ta' Lulju 2023 sabiex jirrakkomanda formalment, skont l-artikolu 13(1)(g) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li l-linji gwida in kwistjoni jiġu nklużi fit-tieni skeda tal-Att bħala addenda għall-kodiċi ta' etika ministerjali. B'hekk il-linji gwida

---

[3] Dawn il-linji gwida jistgħu jitniżżlu minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

[4] Rapport dwar il-każ K/041, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K041.pdf.

[5] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker tat-28 ta' Ġunju 2023, aċċessibbli minn https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/PublishingImages/Pages/2023/06/29/pr231024/pr231024a.pdf.

jkollhom bażi legali u jiġi eliminat kull dubju dwar il-validità tagħhom. Fl-ittra tiegħu is-sottoskritt irrifera għaż-żewġ każi msemmija fuq u qal:

> *Fiż-żewġ każi l-Kumitat interpreta d-dispożizzjonijiet relevanti b'mod ristrett iżżejjed, bħallikieku kien qed japplika l-prinċipji tal-liġi kriminali għall-kamp tal-etika. Fil-fehma tiegħi, dan mhux korrett. L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika juri b'mod ċar li allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika m'għandhomx jiġu trattati qishom akkużi kriminali. L-implikazzjonijiet u r-reperkussjonijiet ta' allegazzjoni ta' ksur ta' etika u allegazzjoni ta' reat huma għal kollox differenti u m'għandhomx jiġu ttrattati jew regolati bl-istess mod. L-etika tmur lil hinn mill-osservanza stretta tal-liġi.*
>
> *Jekk wieħed iqis dawn iż-żewġ każi bħala preċedent, ifisser li l-Kumitat dwar l-Istandards la hu lest jistrieħ fuq il-kodiċi ta' etika ministerjali u lanqas ma huwa lest jirreferi għal-linji gwida huwa u jikkunsidra allegazzjonijiet ta' ksur ta' etika marbuta ma' riklami mħallsa minn fondi pubbliċi. B'hekk il-Kumitat effettivament ħoloq sitwazzjoni fejn huwa ma jistax jieħu azzjoni kontra tali ksur. Din is-sitwazzjoni għandha tiġi indirizzata b'urġenza.*[6]

13. Din ir-rakkomandazzjoni għadha pendenti quddiem il-Kumitat, minkejja li f'każ riċenti, l-Ispeaker għal darb'oħra ta vot deċiżiv kontra l-adozzjoni tar-rapport ta' dan l-Uffiċċju[7] għar-raġuni li l-linji gwida m'għandhomx bażi legali.

## Proċedura tal-Investigazzjoni

14. Is-sottoskritt deherlu illi l-ilment hawn taħt konsiderazzjoni kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segetarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

[6] Din l-ittra hija aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/recommendation-to-speaker-2023-07-18.pdf.

[7] Rapport dwar il-każ K/052, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K052.pdf. Ta' min wieħed jinnota li l-konklużjonijiet f'dan ir-rapport ma kinux ibbażati fuq il-linji gwida.

*4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

*4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

*5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* […]

15. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kellu jiġi kkunsidrat ukoll fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tat-2 ta' Awwissu 2021:

*2.3 Inter alia, government advertising may include:* [...]

*(c) boosted or sponsored posts on social media;* [...]

*3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

16. Is-sottoskritt deherlu li l-investigazzjoni kellha tkopri wkoll il-pubblikazzjoni tar-riklam fuq il-paġna personali tal-Onor. Dr Ellul (ara l-paragrafu 6 fuq).

17. Dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Dr Ellul fil-5 ta' Jannar 2024 sabiex jirreferilu l-ilment kif ukoll jinfurmah bl-estensjoni tal-ambitu tal-investigazzjoni. L-ittra hija annessa bħala **Dok. Ċ**. Din l-ittra rriferiet għad-dispożizzjonijiet ikkwotati fuq tal-kodiċi ta' etika ministerjali u għal-linji gwida ta' Awwissu 2021. L-ittra talbet lill-Onor. Dr Ellul jagħti l-veduti tiegħu b'mod ġenerali dwar l-ilment u jgħid ukoll:

- kemm sewa r-riklam, inkluż il-produzzjoni tal-filmat u l-ħlas tal-isponsored post;
- jekk jikkonsidrax li l-apparenza tiegħu f'dan ir-riklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

- jekk ir-riklam in kwistjoni jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol tiegħu bħala Segretarju Parlamentari  u l-irwol tiegħu bħala politiku f'kapaċità personali;
- jekk ir-riklam jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fuq il-paġna fuq Facebook tal-uffiċċju tiegħu u l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

18. L-Onor. Dr Ellul wieġeb permezz ta' ittra datata l-31 ta' Jannar 2024 (**Dok. D**). FL-ittra tiegħu, l-Onor. Ellul qal illi l-kontenut tal-filmat suġġett tal-Ilment huwa ta' interess pubbliku, dan peress illi kien qed juri informazzjoni dwar premju nazzjonali biex iħeġġeġ membri tal-pubbliku sabiex jipparteċipaw u jissottomettu applikazzjonijiet għall-istess premju. L-Onor. Dr Ellul sostna illi bħala Segretarju Parlamentari, huwa fid-dmir u d-dover tiegħu li jinforma l-pubbliku dwar dan l-avveniment.

19. Barra minn dan, l-Onor. Dr Ellul irrisponda għad-domandi speċifiċi ta' dan l-Uffiċċju u qal is-segwenti:

a. Fir-rigward tal-ispejjeż rilatati mar-riklam, l-Onor. Dr Ellul qal li l-produzzjoni tal-filmat u teħid ta' ritratti sewa €295 u li l-isponsored post fuq Facebook sewa madwar €50;
b. Li l-isponsored post ma tħallsitx minn fondi pubbliċi;
c. Li l-kliem li uża fir-riklam ma kinux partiġġjani u li indirizza lill-Maltin u Għawdxin b'mod ġenerali, mingħajr riferenza għax-xogħol politiku jew tal-kostitwenza tiegħu;
d. Ir-riklam kien dwar xogħol tal-Gvern u hu bħala politiku responsabbli għall-premju ħass li kellu d-dmir iħabbar li fetħu l-applikazzjonijiet għan-nomini;
e. Dar il-Mediterran ma kellha x'taqsam xejn (mar-riklam li deher fuq il-paġna personali tiegħu) ħlief għall-fatt li l-avveniment sar hemm.

20. L-Onor. Dr Ellul ippreżenta diversi dokumenti flimkien mal-ittra tiegħu in sostenn tal-punti msemmijin minnu, fosthom kopja ta' fattura li turi l-ispejjeż għall-filmat kif ukoll l-editjar tal-istess fl-ammont ta' €295, li tidher li ntbagħtet lis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, u lista ta' pagamenti li saru għall-promozzjoni ta' riklami fuq Facebook. F'dan l-aħħar dokument, hemm redazzjoni sostanzjali ta' informazzjoni, u jidher biss ammont ta' €50 imħallas in konnessjoni mal-Premju Ħaddiema tas-Sena 2023.

21. L-Onor. Ellul ippreżenta diversi dokumenti oħra mal-ittra tiegħu, inkluż kopji tal-ittra mingħand is-sottoskritt, tal-Ilment, u ta' rapporti li dehru fil-gazzetti rilatati mal-intavolar tal-Ilment. Għal raġunijiet ta' prattiċità dawn mhumiex qed jiġu riprodotti mal-ittra tiegħu.

22. Is-sottoskritt ħass illi kien hemm bżonn ta' iktar investigazzjoni fir-rigward ta' dak li ssottometta l-Onor. Dr Ellul. Għalhekk, talab li l-Onor. Dr Ellul jidher quddiemu sabiex jixhed dwar il-filmat/riklami in kwistjoni, kif ukoll jippreżenta l-lista ta' pagamenti għal riklami fuq Facebook mingħajr redazzjoni ta' informazzjoni.

23. Fit-18 ta' Marzu 2024 deher l-Onor. Dr Ellul quddiem is-sottoskritt sabiex jixhed in konnessjoni mal-filmat li deher fuq il-paġna fuq Facebook tas-segretarjat parlamentari tiegħu u fuq il-paġna personali tiegħu fuq Facebook bħala imħallas minn Dar il-Mediterran.

24. F'din il-laqgħa l-Onor. Dr Ellul spjega li oriġinarjament kien ippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba b'redazzjoni ta' informazzjoni peress illi l-individwu fis-segretarjat tiegħu responsabbli għall-komunikattiva, is-Sur Luke Cassar, kellu klijenti oħrajn li jidhru fil-lista ta' pagamenti. Ippreżenta kopja tal-istess dokument mingħajr redazzjonijiet, kif ukoll żewġ "screenshots" tal-kont tar-Revolut tas-Sur Cassar. Dan l-Uffiċċju nnota li t-transazzjoni u pagament rilevanti jikkorrispondu mal-ammont ta' €50 imħallas għar-riklam li deher fuq il-paġna ta' Djalogu Soċjali. Għal raġunijiet ta' privatezza, dawn id-dokumenti mhumiex annessi ma' dan ir-rapport.

25. Fir-rigward tal-iskop tar-riklam, l-Onor. Dr Ellul qal:

> [...] *dana kien f'Ottubru, u f'Diċembru jsir l-event, iġifieri ridna illi, japplikaw il-, l-ażjendi, jinnominaw lil xi ħadd, ridt naħtar il-bord, u mbagħad jiġu magħżula, imbagħad, jiġifieri kien hemm element illi aħna ridna ninfurmaw lill-pubbliku, erm issottomettu l-applikazzjoniiet għax kien hemm process xi jsir. Ovvjament, isir* [...] *mal-uffiċċju tal-President allura jridu jiġi segwiti ċertu protocol, u, l-għan kien, għalhekk jiena anke fir-risposta tiegħi, mhux b'xi mod biex, kieku ridt nippromwovi lili nnifsi mhiex – ħa nippromwovi b'dak il-mod, imma ridna inħeġġu l-pubbliku erm, biex jissottometti n-nomina – dawn – dan huwa event nazzjonali –* [8]

[8] Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onor. Dr Andy Ellul tat-18 ta' Marzu, Dok. E, linji 48-56.

26. Spjega ukoll illi l-persuna responsabbli għar-riklam in kwistjoni huwa konsulent fis-segretarjat tiegħu. L-Onor. Dr Ellul ma setax jispjega għalfejn dehret Dar il-Mediterran bħala l-entità li ħallset għar-riklam fuq il-paġna personali tiegħu, dan peress illi ma kienx hu li kien tella' l-aġġornament in kwistjoni.

27. Sussegwentement dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Dr Ellul sabiex jitolbu jipprovdi l-isem u dettalji tal-individwu msemmi minnu fix-xhieda tiegħu bħala responsabbli għall-komunikattiva u b'mod speċifiku, responsabbli għar-riklam in kwistjoni.

28. Fis-26 ta' Marzu 2024, l-Onor. Dr Ellul kiteb lil dan l-Uffiċċju fejn qal li s-Sur Luke Cassar, konsulent responsabbli għall-komunikattiva u avvenimenti fis-segretarjat tiegħu, kien il-persuna konċernata, u pprovda d-dettalji ta' kuntatt tiegħu.

29. Dan l-Uffiċċju sussegwentement ħarrek lis-Sur Luke Cassar sabiex jispjega l-irwol tiegħu fil-promozzjoni tal-filmat in kwistjoni.

30. Fit-3 ta' Mejju 2024, is-Sur Cassar deher quddiem is-sottoskritt sabiex jixhed in konnessjoni mar-riklam li deher fuq il-paġna fuq Facebook tas-segretarjat parlamentari bit-titlu "Djalogu Soċjali", u sussegwentement fuq il-paġna personali tal-Onorevoli Ellul.

31. Is-Sur Cassar ġie mistoqsi jispjega x-xogħol tiegħu fis-segretarjat tal-Onor. Dr Ellul. Qal li ma jaħdimx full-time mas-segretarjat, però jaħdem 30 siegħa fix-xahar. Ix-xogħol tiegħu huwa primarjament rilatat ma' konferenzi stampa u events, però jagħmel xogħol rilatat ma' midja, anke għaliex għandu esperjenza f'dak il-qasam.

32. Mistoqsi biex jispjega l-proċess ta' kif ġie ppubblikat ir-riklam in kwistjoni, is-Sur Cassar qal:

> *Mela, il-pubblikazzjoni per se kienet rilatata mal-Premju Ħaddiem tas-Sena. Issa, din ġrat anke s-sena ta' qabel, fejn aħna għamilna konfere – press conference li d-differenza bejn is-sena ta' qabel u dis-sena kienet li dis-sena ħarġet DOI [Dipartiment tal-Informazzjoni] only, ma nafx inthomx familjari ma' kif taħdem is-sistema imma, il-, press conference ġeneralment ikollha livelli differenti, full press ikunu mistednin il-media, DOI only ikun, li tinħadem just mill-, mill-, mis-segretarjat u mbagħad toħroġ through id-DOI u tiġi ppubblikata b'sett ta' ritratti u ġieli filmati*

> [...] *din il-press conference, din l-instance partikolari ġrat hekk iġifieri kienet a DOI only event fejn tkellmu s-Segretarju Parlamentari u Angela Agius li tiġi l-President jew tiġi ċ-Chairperson tal-, tal-kumitat tal-, tal-Premju Ħaddiem tas-Sena u mbagħad ħriġna għall-mezzi tal-midja, ħriġna l-filmat u ħriġna r-ritratti – u fost il-filmati kien hemm is-social media video li ħareġ fuq il-, fuq il-Facebook.*[9]

33. Mistoqsi jekk hu kien responsabbli biex ittella' dan ir-riklam fuq il-paġna tal-Facebook, is-Sur Cassar wieġeb fl-affermattiv.

34. Is-Sur Cassar ġie mistoqsi jekk kienet xi ħaġa normali li membru tas-segretarjat iħallas għal riklam. Qal li din qatt ma saret, u milli seta' jiftakar, ma reġgħetx saret. Kompla jispjega:

> *Li kellu jiġri u kien żball min-naħa tiegħi kien li jien kelli nagħmel boosting fuq il-page tas-Segretarju Parlamentari, tiegħu personali, jiġifieri, unfortunately għamiltha mill-mobile u inzertajt ma tantx jiena prattiku mal-mobile u ma, ma kellix aċċess għal-laptop u flok għażilt il-paġna, għandi numru ta' paġni, flok għażilt il-paġna tas-Segretarju Parlamentari, għażilt il-paġna ta' Djalogu Soċjali, jiġifieri, minn dak il-lat kien żball min-naħa tiegħi.*[10]

35. Is-Sur Cassar spjega li l-inizjattiva li jsir dak li jissejjaħ "boost" fuq il-paġna tal-Onor. Ellul kienet tiegħu. Il-funzjoni tal-boost tippermetti sid il-paġna, jew min jamministra l-paġna jħallas sabiex iktar nies jaraw l-aġġornament.

36. Qal li filwaqt li bħala regola ma jsirux riklami fuq il-paġna tal-Onor. Dr Ellul, f'dan il-każ kien neċessarju għaliex il-boost fuq Facebook tinkludi funzjoni li tippermetti lin-nies jagħfsu fuq ir-riklam. F'dan il-każ, l-iskop kien sabiex in-nies jagħfsu fuq ir-riklam, u jidħlu fis-sit elettroniku tal-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena.

37. Mistoqsi jekk kienet intenzjonata li l-boost isir fuq il-paġna personali tal-Onor. Dr Ellul, is-Sur Cassar qal: "*Iva, minn fondi personali*".[11] Mistoqsi jekk l-iskop tal-boost kien sabiex in-nies japplikaw għall-premju, is-Sur Cassar

---

[9] Sommarju tax-xhieda tas-Sur Luke Cassar, Dok. F, paġna 2.

[10] Sommarju tax-xhieda tas-Sur Luke Cassar, paġna 2.

[11] Ara s-sommarju tax-xhieda tas-Sur Cassar, paġna 3.

irrisponda: *"biex ikun hemm iktar reach għall-Premju Ħaddiem tas-Sena."*[12] Spjega li :

> *is-Segretarju Parlamentari inzerta ma tantx għandu remit wiesgħa allura kull ħaġa li, li nagħmlu nippruvaw kemm jista' jkun, nimbuttaw, I mean, unfortunately, ir-remit fil-Kabinett huwa żgħir, u l-Premju Ħaddiem tas-Sena huwa l-iktar ħaġa li forsi tagħtih viżibbilità fuq livell ta' xi ħaġa tanġibbli għax ħafna drabi jkun qed jitkellem fuq, fuq, drittijiet li ċerti nies, u speċjalment it-target audience, tagħna, ma tifhimhomx.*[13]

38. Is-Sur Cassar spjega wkoll fid-dettall żball ta' natura teknika li għamel u li wassal għar-riferenza għal Dar il-Mediterran bħala l-entità li ħallset għar-riklam u ibbenefikat minnu fuq il-paġna tal-Onor. Dr Ellul. Spjega illi fil-passat kien għamel xogħol għal Dar il-Mediterran, u li isem din l-entità baqgħet tidher awtomatikament fis-sistema tiegħu bħala l-ewwel għażla biex jindika min ikun qed iħallas għal jew jibbenefika minn riklam partikolari. Meta tella' r-riklam fil-paġna tal-Onor. Dr Ellul, bi żvista approva l-boost mingħajr ma bidel dawn id-dettalji, u għalhekk deher Dar il-Mediterran bħala l-entità li qed tħallas għar-riklam. Wara li riklam jiġi kkonfermat, dawn id-dettalji ma jistgħux jinbidlu.

39. Is-Sur Cassar esebixxa l-mowbajl tiegħu lil dan l-Uffiċċju filwaqt li kien qed jispjega kif kien għażel l-isem tal-entità skorretta.[14] Dan l-Uffiċċju jqis bħala kredibbli l-ispjegazzjoni tas-Sur Cassar f'dan ir-rigward.

40. Fir-rigward tal-ħlas għar-riklam, is-Sur Cassar ikkonferma li d-dokumenti ppreżentati mill-Onor. Dr Ellul kienu kopji tal-kont tiegħu minn fejn jimmaniġġja l-mezzi soċjali, u ta' kont bankarju tiegħu minn fejn tħallas l-ammont għall-boost tar-riklam in kwistjoni. Qal ukoll li dak l-ammont sussegwentement ġie rifondat mill-Onor. Dr Ellul:

> *iva iva dawk huma tiegħi, ehe bażikament il-, il-, mela il-Facebook jitħallas skont mingħalija meta jilħaq reach, issa kif tista' tara hawn affarjiet oħra* […] *għax jiena ovvjament nagħmel xogħol anke għal, għal*

[12] Ara s-sommarju tax-xhieda tas-Sur Cassar, paġna 3.

[13] Ara s-sommarju tax-xhieda tas-Sur Cassar, paġna 3.

[14] Ara s-sommarju tax-xhieda tas-Sur Cassar, paġni 4 u 5.

*entitajiet oħra* [...] *minn dan tħallas mir-Revolut account li huwa tiegħi* [...] *suppost kellu jgħaddielkom li mbagħad għaddiehomli hu l-50 euro.*[15]

41. Fit-22 ta' Mejju 2024, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Dr Ellul sabiex jipprovdilu aċċess għall-provi u d-dritt ta' smigħ skont l-art. 18(3) tal-Att.

42. Fit-18 ta' Ġunju 2024 l-Onor. Dr Ellul wieġeb permezz ta' email u talab l-opportunita li jerġa' jixhed sabiex iżid max-xhieda tiegħu.

43. Fl-10 ta' Lulju l-Onor. Dr Ellul reġa' deher quddiem is-sottoskritt, flimkien mas-Sur Sean Mangion, il-kap tas-segretarjat tiegħu.

44. F'din il-laqgħa, l-Onor. Dr Ellul qal li xtaq jikkjarifika x-xhieda tiegħu, dan b'riferenza għax-xhieda tas-Sur Cassar. L-Onor. Dr Ellul qal:

> *dak ix-xhud ħa ngħid hekk, ressaqtu, għax dik hija l-verità, għax la ma tħallsux minn, minn fondi pubbliċi, dik hija l-verità, però ma ressaqtx din l-evidenza biex b'xi mod, nagħti x'nifhem erm, jew, l-opinjoni tiegħi hija dwar il-fatt illi jekk isir boost, minn fondi pubbliċi dak ikun hemm xi ksur tal-linji gwida* [...] *Neċessarjament, iġifieri, erġajt tlabt biex nerġa' nixhed hawnhekk, biex ma niġix interpretat illi b'xi mod ressaqt dik l-evidenza u, niġi nterpretat li qed ngħid illi jekk tagħmel boost minn fondi pubbliċi fiċ-ċirkostanzi kollha, tkun qed tikser il-linji gwida –* [16]

45. L-Onor. Dr Ellul ukoll reġa' għamel riferenza għall-obbligu fil-kodiċi ta' etika li l-ministri għandhom jinfurmaw il-pubbliku bix-xogħol tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet**

46. Is-sottoskritt eżamina r-riklami kif dehru fuq il-paġni rilevanti fuq Facebook, kif ukoll ix-xhieda tas-Sur Cassar u s-sottomissjonijiet tal-Onor. Dr Andy Ellul.

47. Dan l-Uffiċċju ma jistax ma jenfasizzax l-importanza tal-linji gwida dwar riklami maħruġa mill-gvern, liema linji gwida jgħidu li riklami ta' din in-natura m'għandhomx jinkludu l-ismijiet jew l-immaġni ta' ministri. Fil-fehma tas-sottoskritt, anke jekk avveniment ikun jimmerita pubbliċità, dan ma jfissirx li

[15] Sommarju tax-xhieda tas-Sur Luke Cassar, paġna 4.

[16] Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onor. Ellul tal-10 ta' Lulju 2024, Dok. G, linji 17-21 u 25-28

ministru għandu jidher personalment fit-tali pubbliċità. Jekk ministru jidher personalment f'riklam tal-gvern, dan jista' jagħti x'jifhem li l-ministru qiegħed jieħu vantaġġ mir-riklam biex jippromwovi lilu nnifsu. Anki fil-każ ta' materjal promozzjonali ieħor li jinħareġ mill-gvern (jiġifieri mhux fil-forma ta' riklam), riferenzi għal ministri għandhom ikunu tant limitati li ma jistgħux jagħtu lok għall-ħsieb li l-iskop attwali tal-materjal huwa li jippromwovi l-ministru.

48. F'dan il-każ, is-sottoskritt jinnota x-xhieda tas-Sur Luke Cassar fejn għamel riferenza diretta għall-iskop tal-filmat (ara l-paragrafu 37) u fejn hu stess spjega illi l-intenzjoni tar-riklam suġġett tal-ilment kien sabiex jippromwovi lill-Onor. Dr Ellul.

49. Is-sottoskritt josserva li l-Onor. Dr Ellul ippreżenta mal-ittra tiegħu tal-31 ta' Jannar 2024 (Dok. D) screenshots fejn isem il-persuna li ppubblikat ir-riklam jidher bħala Kathleen Abela, mhux Luke Cassar. Madankollu, is-sottoskritt jifhem li aktar minn persuna waħda tista' tkun involuta fl-amministrazzjoni ta' riklam fuq Facebook, u m'għandux għalfejn jiddubita mix-xhieda mogħtija mis-Sur Cassar, b'mod partikolari meta huwa kien konvinċenti fil-prova tal-involviment tiegħu waqt li kien qiegħed jixhed.

50. Għalhekk, hija l-konklużoni tas-sottoskritt illi dan il-każ jirrappreżenta ksur tal-artikoli 4.9 u 5.3 tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari, għad li mhux ksur ta' natura gravi.

51. Fit-2 ta' Settembru 2024 dan l-Uffiċċju kiteb lill-Onor. Dr Andy Ellul sabiex jinfurmah bl-eżitu tal-investigazzjoni. Is-sottoskritt informa lill-Onor. Ellul illi fil-fehma tiegħu, dan il-każ jirrappreżenta ksur tal-Kodiċi ta' Etika però jista' jingħalaq taħt l-artikolu 22(5) tal-Att. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

52. Bħala rimedju taħt dan l-artikolu, dan l-Uffiċċju ppropona li l-Onor. Dr Ellul jibgħat apoloġija bil-miktub talli deher f'pubbliċità uffiċjali li saret għal avveniment pubbliku, u jintrabat li dan ma jerġax isir fil-futur.

53. L-Onor. Dr Ellul wieġeb fl-24 ta' Settembru 2024 (**Dok. H**), fejn qal:

> *Illi b'rispett lejn l-awtorità tal-uffiċċju tiegħek, m'għandi l-ebda oġġezzjoni li nagħmel apoloġija kif ġie propost u nimpenja ruħi li fil-*

*promozzjoni ta' avvenimenti pubbliċi li jknu jagħu taħt ir-responsabbiltà politika tiegħi, dan l-akkadut ma jirrepetix ruħu.*

*Madankollu, umilment nirrileva li l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (it-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (KAP570)), u senjatament klawsola numru 10, titfa' responsabbiltà wkoll fuqi bħala Segretarju Parlamentari li ngħarraf (10.1) "... lill-pubbliku u lill-media bl-attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat". Fl-istess waqt, klawsola 10.4 ttenni illi "fl-interess pubbliku, il-Ministri għandhom jaraw li jkollhom komunikazzjoni miftuħa mal-imsieħba soċjali, għaqdiet mhux governattivi, għaqdiet professjonali, mezzi tax-xandir u pubbliku inġenerali".*

*Illi l-promozzjoni tal-avveniment in kwistjoni saret propju fl-ispirtu ta' dawn ir-responsabbiltajiet espressi fil-kodiċi ta' Etika u għall-ebda skop ieħor.*

54. L-Onor. Dr Ellul kompla b'riferenza għas-sitwazzjoni attwali li teżisti fir-rigward tal-linji gwida maħruġa minn dan l-Uffiċċju:

*Finalment, nerġa' ntenni l-pożizzjoni diġa espressa fil-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-bżonn li nħarsu lejn 'Guidelines on Government Advertising and Promotional Material' ippubblikati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti, b'tali mod li nassiguraw li dawn jilħqu l-iskop tagħhom, b'rispett lejn ir-responsabbiltajiet kollha stabbiliti fil-kodiċi tal-etika.*

*Għaldaqstant, minkejja r-rimarki tiegħi fir-rigward tad-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħi, umilment nikkonferma illi qiegħed nagħmel apoloġija, u nimpenja ruħi li fil-promozzjoni ta' avvenimenti pubbliċi li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà politika tiegħi, dan l-akkadut ma jirrepetix ruħu.*

55. Jidher illi fil-bidu t'Ottubru ta' din is-sena, il-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena ġie imħabbar permezz ta' konferenza stampa.[17] Dan l-Uffiċċju jinnota

[17] Ara r-rapporti li dehru fuq s-sit elettroniku tat-Times of Malta https://timesofmalta.com/article/malta-worker-year-award-second-edition-announced.1098708 u Television Malta https://tvmnews.mt/news/jithabbru-d-dettalji-tal-premju-nazzjonali-haddiema-tas-sena/.

b'sodisfazzjon li din id-darba, il-pubbliċità rilatata mal-avveniment ma tidhirx li tqajjem kwistjonijiet ta' etika bħal dawk li taw lok għall-Ilment.

**Konklużjonijiet**

56. Bis-saħħa ta' din l-apoloġija is-sottoskritt qed jagħlaq il-każ ai termini tal-imsemmi artiklu 22(5) tal-Kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta.

57. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Ilmentaturi u lis-Segretarju Parlamentari Dr Andy Ellul, kif ukoll lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni tiegħu. Kopja se titqiegħed ukoll fuq is-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra datata t-2 t'Ottubru 2023 mingħand l-Onorevoli Dr Karol Aquilina u l-Onorevoli Ivan Castillo |
| Dokument B | Kopja tar-riklam kif deher fuq il-paġna personali tal-Onor. Dr Ellul fuq is-sit tal-mezzi soċjali Facebook |
| Dokument Ċ | Ittra lill-Onorevoli Dr Andy Ellul datata l-5 ta' Jannar 2024 |
| Dokument D | Ittra mingħand l-Onorevoli Dr Andy Ellul datata l-31 ta' Jannar 2024 |
| Dokument E | Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onorevoli Dr Andy Ellul tat-18 ta' Marzu 2024 |
| Dokument F | Sommarju tax-xhieda tas-Sur Luke Cassar tat-3 ta' Mejju 2024 |
| Dokument G | Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onorevoli Dr Andy Ellul tal-10 ta' Lulju 2024 |
| Dokument H | Ittra mingħand l-Onorevoli Dr Andy Ellul datata l-24 ta' Settembru 2024 |

DOKUMENT A

2 ta' Ottubru 2023

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul**

Minn nhar is-Sibt 28 ta' Settembru 2023, fuq is-sit soċjali Facebook beda jidher reklam imħallas minn fondi pubbliċi permezz tas-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Soċjali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru li huwa responsabbli għalih is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

Ir-reklam huwa fil-forma ta' filmat awdjo-viżiv dwar il-Premju Ħaddiema tas-Sena 2023 u f'diversi partijiet minnu jidher jitkellem is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul. Il-filmat sħiħ huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/djalogusocjaligovmt/videos/2361526904030115

Mehmuż għandek issib numru ta' *screenshots* tas-sit soċjali Facebook li juru kif l-imsemmi filmat ġie wżat bħala reklam bi ħlas minn fondi pubbliċi (immarkati Dok. A, Dok. B u Dok. Ċ). L-informazzjoni sħiħa dwar ir-reklam imħallas minn fondi pubbliċi hija aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://www.facebook.com/ads/library/?id=1258497918183369

Kif m'għandniex dubju li taf, il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) jipprovdi:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.
>
> 4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.
>
> [...]
>
> 5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.
>
> [...]
>
> 7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.

M'għandniex dubju wkoll li taf li l-Guidelines on Government Advertising and Promotional Material ippubblikati nhar it-2 ta' Awwissu 2021 jipprovdu:

2.3 *Inter alia*, government advertising may include:

[...]

(c) boosted or sponsored posts on social media;

[...]

3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.

[...]

3.7 A publication of the kind mentioned in paragraph 3.6(a) or 3.6(b) may include content referring to ministers, provided that –

[...]

(c) the publication is not circulated or broadcast against payment, or by means that would normally require payment, such that it would qualify as an advertisement for the purposes of these guidelines.

Fil-fehma tagħna r-reklam li huwa s-suġġett ta' dan l-ilment jirrappreżenta ksur tal-paragrafi 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari mis-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

Għaldaqstant filwaqt li qegħdin inressqu dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbuk twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Aħna nibqgħu fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi disposti li nipprovduk bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li tista' tkun meħtieġ.

Insellu għalik,

**Karol Aquilina**
Membru Parlamentari

**Ivan Castillo**
Membru Parlamentari



https://www.facebook.com/ads/library/?active_status=all&ad_type=all&country=ALL&view_all_page_id=1143280...

Meta — Ad Library | Ad Library report | Ad Library API | Branded content

**Ad details**

Library ID: 1258497918183369

Active

Started running on 28 Sep 2023

Platforms

**Djalogu Soċjali**
Sponsored
Library ID: 1258497918183369

Premju Ħaddiema tas-Sena 2023

Żur www.premjuhaddiematassena.com biex titfa' n-nomina tiegħek!

Visit www.premjuhaddiematassena.com to submit your nomination!



WWW.PREMJUHADDIEMATASSENA.COM
Djalogu Soċjali
Learn more

**European Union transparency**

We provide additional information for ads that were shown on Meta technologies anywhere in the EU.

**EU ad audience**

**Location**

Advertisers can target their ads to certain audiences based on their country, county/region, postcode or town/city.

All location types | Included Excluded

| Location | Location type | Included or excluded |
|---|---|---|
| Malta | Country/region | Included |

**Age**

18-65+ years old

Advertisers can choose a minimum and maximum age of who will be shown an ad.

**Gender**

All

Advertisers can choose to target their ad based on gender.

Close

https://www.facebook.com/ads/library/?active_status=all&ad_type=all&country=ALL&view_all_page_id=1143280...

Meta — Ad Library | Ad Library report | Ad Library API | Branded content

## Ad details

Library ID: 1258497918183369

Active

Started running on 28 Sep 2023

Platforms

**Djalogu Soċjali**
Sponsored
Library ID: 1258497918183369

Premju Ħaddiema tas-Sena 2023

Żur www.premjuhaddiematassena.com biex titfa' n-nomina tiegħek!

Visit www.premjuhaddiematassena.com to submit your nomination!




WWW.PREMJUHADDIEMATASSENA.COM
Djalogu Soċjali

Learn more

## EU ad delivery

### Reach

5,128

The number of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad at least once. Reach is different from impressions, which may include multiple views of your ads by the same Accounts Centre accounts. This metric is estimated.

### Reach by location, age and gender

The demographic breakdown of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad.

| Location | Age range | Gender | Reach |
|---|---|---|---|
| Malta | 25-34 | Unknown | 2 |
| Malta | 25-34 | Male | 484 |
| Malta | 25-34 | Female | 91 |
| Malta | 35-44 | Unknown | 4 |
| Malta | 35-44 | Male | 647 |
| Malta | 35-44 | Female | 142 |

Close

https://www.facebook.com/ads/library/?active_status=all&ad_type=all&country=ALL&view_all_page_id=1143280...

Meta — Ad Library | Ad Library report | Ad Library API | Branded content

**Ad details**

Library ID: 1258497918183369

Active

Started running on 28 Sep 2023

Platforms

**Djalogu Soċjali**
Sponsored
Library ID: 1258497918183369

Premju Ħaddiema tas-Sena 2023

Żur www.premjuhaddiematassena.com biex titfa' n-nomina tiegħek!

Visit www.premjuhaddiematassena.com to submit your nomination!




WWW.PREMJUHADDIEMATASSENA.COM
Djalogu Soċjali
Learn more

**About the advertiser**

**Djalogu Soċjali**
@djalogusocjaligovmt
1.3K followers • Government organisation

**More info**

Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

**Beneficiary and payer**

When targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from an ad and who is paying for it.

Current

| | |
|---|---|
| **Beneficiary** | Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena |
| **Payer** | Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena |

About ads and data use

Close

Dokument B

Meta — Ad Library | Ad Library report | Ad Library API | Branded content

**Ad details**

Library ID: 1038551037148120

Active

Started running on 28 Sep 2023

Platforms

**Andy Ellul**
Sponsored
Library ID: 1038551037148120

Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023

Żur www.premjuhaddiematassena.com biex titfa' n-nomina tiegħek!

Visit www.premjuhaddiematassena.com to submit your nomination!



WWW.PREMJUHADDIEMATASSENA.COM
Andy Ellul

Learn more

**Reach by location, age and gender**

The demographic breakdown of Accounts Centre accounts in the EU that saw this ad.

| Location | Age range | Gender | Reach |
|---|---|---|---|
| Malta | 35-44 | Female | 324 |
| Malta | 55-64 | Unknown | 3 |
| Malta | 55-64 | Male | 1138 |
| Malta | 55-64 | Female | 683 |
| Malta | 65+ | Unknown | 8 |
| Malta | 65+ | Male | 1420 |

**About the advertiser**

**Andy Ellul**
@ellulandy
10.4K followers • Politician

**More info**

Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

**Beneficiary and payer**

When targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from an ad and who is paying for it.

Current

**Beneficiary** Mediterranean Conference Centre

**Payer** Mediterranean Conference Centre

Dokument Ċ

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

5 ta' Jannar 2024

L-Onor. Dr Andy Ellul
Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali

Bl-email fuq andy.ellul@gov.mt

Onorevoli Ellul,

**Każ K/053 – riklam imħallas minn fondi pubbliċi**

Ġejt mitlub ninvestiga filmat li deher fil-paġna tal-uffiċċju tiegħek fuq Facebook. L-ilment relevanti jirreferi għal-linji gwida maħruġa minn dan l-Uffiċċju fit-2 ta' Awwisu 2021 u jallega li l-filmat in kwistjoni jirrappreżenta ksur tal-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, peress li deher bħala riklam (sponsored post) imħallas minn fondi pubbliċi u tidher fih inti. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra bħala d-Dokument A.

Jirriżulta lil dan l-Uffiċċju li l-istess filmat deher ukoll bħala riklam fil-paġna personali tiegħek fuq Facebook. Skont l-informazzjoni aċċessibbli minn https://www.facebook.com/ads/library/?id=1038551037148120 u riprodotta bħala d-Dokument B, dan ir-riklam tħallas minn Dar il-Mediterran għall-Konferenzi. L-investigazzjoni ta' dan l-Uffiċċju tkopri dan ir-riklam ukoll, u qegħda ssir fid-dawl tal-artikoli tal-kodiċi ta' etika ministerjali li jissemmew fuq.

Inti ġentilment mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment (Dokument A), u b'mod partikolari tgħidli:

(a) kemm sewa flus ir-riklam li hu s-suġġett tal-ilment, inkluż il-produzzjoni tal-filmat u l-ħlas tal-isponsored post;

(b) jekk tikkonsidrax li l-apparenza tiegħek f'dan ir-riklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, u jekk iva, għalfejn;

(ċ) jekk ir-riklam in kwistjoni jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol tiegħek bħala Segretarju Parlamentari u bħala politiku fil-kapaċità personali tiegħek; u

(d) jekk ir-riklam jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna fuq Facebook tal-uffiċċju tiegħek u l-pagamenti relattivi preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

Fir-rigward tar-riklam li deher fil-paġna personali tiegħek (Dokument B), inti ġentilment mitlub tgħidli:

(a) jekk hux minnu li dan ir-riklam tħallas minn fondi pubbliċi;

(b) jekk iva, kemm sewa flus ir-riklam, u kif tiġġustifika dan il-ħlas; u

(ċ) jekk le, x'inhi r-raġuni li Dar il-Mediterran għall-Konferenzi tidher bħala l-entità li ħallset għar-riklam. F'dan il-każ inti mitlub ukoll tforni provi li r-riklam tħallas minn fondi privati.

Napprezza risposta sa mhux aktar tard mill-**Ġimgħa 2 ta' Frar 2024**. Aktar tard tista' tintalab tikkonferma r-risposti tiegħek bil-ġurament.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Dokument D

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦAD-DJALOGU SOĊJALI

31 ta' Jannar 2024

**Lill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

Għażiż Kummissarju, Prim Imħallef Emeritus,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata l-5 ta' Jannar 2024 inkonnessjoni mal-investigazzjoni li l-uffiċċju tiegħek intalab jagħmel mill-Onorevoli Karol Aquilina u Ivan Castillo b'referenza għall-"Każ K/053 riklam imħallas minn fondi pubbliċi".

Il-kontenut tal-filmat li għalih jagħmlu referenza l-ilmentaturi huwa ta' interess pubbliku fejn tingħata infomazzjoni proprju dwar premju nazzjonali annwali marbut mal-bżulija tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin. Il-pubbliku mhux biss għandu jkun jaf dwar dan il-premju nazzjonali, imma saħanistra għandu jiġi mħeġġeġ biex jipparteċipa. Altrimenti, il-pubbliku ma jkunx jaf bih u għaldaqstant ma jiġux sottomessi applikazzjonijiet. Mill-banda l-oħra, jien kont qed naġixxi fil-vesti tiegħi ta' Segretarju Parlamentari u huwa fid-dmir u fid-dover tiegħi li ninforma l-pubbliku dwar dan l-avveniment nazzjonali.

L-*isponsored post* kien proprju intiż biex il-filmat jilħaq ċertu udjenza sabiex inkunu ċerti li dak li jkun jaraħ u jitħajjar jitfa' n-nomina tal-ħaddiema li jaħseb li fil-fehema tiegħu jixirqilhom jirbħu dan il-premju prestiġġjuż.

Dak li għidt fil-filmat kien kliem rispettuż lejn il-ħaddiema, fattwali u bl-ebda mod partiġġjan.

Hawn 'isfel qiegħed nagħti risposta b'mod kronoloġiku għal kull tweġiba li saritli.

**Tweġiba għall-mistoqsijet, hawn riprodotti, mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.**

Int ġentilment mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment (Dokument A), u b'mod partikolari tgħidli:

a) Kemm sewa flus ir-riklam li hu s-suġġett tal-ilment, inkluż il-produzzjoni tal-filmat u l-ħlas tal-isponsored post?;

Ir-riklam, inkluż il-produzzjoni tal-filmat u t-teħid ta' ritratti sewa 295 ewro (riċevuta annessa – Dok A.1) u l-isponsored post sewa 50 ewro. Kif jirriżulta mid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dokument A.2, l-isponsored post ma tħallsitx minn fondi pubbliċi. Punt li nixtieq nirrileva huwa l-fatt li dan ix-xogħol ta' komunikattiva jsir minn nies professjonisti fil-qasam tal-media li jahdmu fis-Segretarjat u mhux mill-politiku per se. L-iskop ta' *'boosting'* kien intiz li jkun hemm viżibiltà biżżejjed ħalli jkun hemm konkorrenza fis-sottomisjonijiet tan-nomini.

b) Jekk tikkonsidrax li l-apparenza tiegħek f'dan ir-riklam kien ġustifikat fl-interess pubbliku, jekk iva, għalfejn?

Bħala politiku responsabbli minn dan l-avveniment annwali, intiż biex jippremja l-bżulija tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin, mingħajr ebda forma ta' partiġġjaniżmu, ħassejt mhux biss id-dmir imma l-obbligu li nħabbar li kienu nfetħu l-applikazzjonijiet biex min hu interessat jinnomina dawk il-ħaddiema li jaħseb li huma idonei li jirbħu wieħed mill-kategoriji. Il-kliem li użajt fir-riklam bl-ebda mod ma kienu partiġġjani, u jien kont qed nindirizza lill-ħaddiema Maltin u Għawdxin b'mod ġenerali. Wara kollox aħna nkunu qed nirrappreżentaw lill-Malta bħala rappreżentanti tal-Gvern u mhux lill xi Partit politiku f'avvenimenti Nazzjonali. Fil-fatt, fis-26 ta' Settembru 2023 għal dan kienet ukoll ħarġet stqarrija mid-Dipartiment tal-Informazzjoni dwar dan il-premju (Dok. A.3).

c) Jekk ir-riklam tiegħek inkwistjoni jirrispettax id-distinzjoni bejn l-irwol tiegħek bħal Segretarju Parlamentari u bħala politiku fil-kapaċità personali tiegħek;

Mingħajr ebda dubju, għaliex ir-riklam sar proprju sabiex inħajru n-nies jinnominaw ħaddiema għal dan il-premju nazzjonali u jien kont qiegħed naġixxi fil-vesti tiegħi ta' Segretarju Parlamentari responsabbli mid-Djalogu Soċjali, li jinkludi fost l-oħrajn relazzjonijiet industrijali.

d) Jekk ir-riklam jaffettwax l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, peress li deher fil-paġna fuq Facebook tal-uffiċċju tiegħek u l-pagament relattiv preżumibbilment ġew awtorizzati minn uffiċjal pubbliku.

Dan ir-riklam kien jirrigwarda attività tal-Gvern u bl-ebda mod ma kien jagħmel xi aċċenn għax-xogħol politiku tiegħi fuq livell partiġġjan jew saħansitra relatat mal-kostitwenza tiegħi.

Għalhekk bl-ebda mod ma jista' jiġi interpretat li affettwa l-imparzjalità tas-servizz pubbliku.

*Fir-rigward tar-riklam li deher fil-paġna personali tiegħek (Dokument B), inti ġentilment mitlub tgħidli:*

(a) Jekk hux minnu li dan ir-riklam tħallas minn fondi pubbliċi:

Ir-riklam imsemmi kien diġà fid-dominju pubbliku meta ġie ppublikat fuq il-paġna personali tiegħi ta' Facebook. Dan jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala (Dok. B.1), li jindikaw il-ħin li l-filmat xxandar fuq il-paġna ta' Facebbok tad-Djalogu Socjali u l-ħin li l-filmat gie mxandar fuq il-paġna tiegħi personali ta' Facebook (Dok. B.1).

Għalhekk għal dan l-iskop ir-risposta hija fin-negattiv. Dak li hu fid-dominju pubbliku fuq paġni ta' Facebook, jista' jagħmel użu minnu kulħadd.

(b) Jekk iva, kemm sewa flus ir-riklam, u kif tiġġustifika dan il-ħlas;

Ir-risposta għall-ewwel tweġiba hija fin-negattiv u għalhekk ma nistax nagħti ġustifikazzjoni.

(c) Jekk le, x'inhi r-raġuni li Dar il-Mediterran għall-Konferenzi tidher bħala l-entità li ħallset għar-riklam. F'dan il-każ, inti mitlub ukoll tforni provi li r-riklam tħallas minn fondi privati.

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦAD-DJALOGU SOĊJALI

Dar il-Mediterran huwa l-post fejn sar l-avveniment annwali tal-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena, taħt il-patronċinju tal-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta. Dar il-Mediterran m'għandha assolutament x'taqsam xejn ma' dan ir-riklam.

In vista tas-suespost, kien proprju għalhekk li jien għidt pubblikament li l-ilmentaturi ma kellhomx raġun u kien ikun għaqli li kieku avviċinawni qabel ma intavolaw l-ilment. Kieku kienu jiffrankaw il-ħin tiegħi u tal-uffiċċju tiegħek. Iżda minflok għażlu li jkunu populisti u jippruvaw jiskurjaw ftit punti politiċi, intiżi purament biex iħammġu r-reputazzjoni tiegħi. Fil-fatt il-mezzi tal-media mill-ewwel irrapurtaw il-fatt daqslikieku jien diġà ħati ta' abbuż minn fondi pubbliċi, meta kif spjegajt jidher ċar li mhux il-każ. Dan kif jindikaw id-dokumenti annessi bħala (Dok. B.2), ma' lhiema hemm ukoll ir-reazzjoni medjatika tiegħi.

Nikkonkludi billi nisħaq li l-ilment huwa wieħed mhux biss assurd u intiż biss biex ifixxkel il-ħidma tagħna, imma saħansitra jirrażenta l-fieragħ.

Għalhekk l-ilment għandu jiġi miċħud u ddikjarat bħala frivolu.

Daqstant għandi x'nissottometti lill-wisq rispettat Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Inselli Għalik

Andy Ellul

# Dokument A.1

# INVOICE

Invoice# INV-000298

**Balance Due**
**€295,00**

MEDIABAKERY
134, Stefano Zerafa Street
Marsa
VAT Reg No: MT 2453 6428

| | |
|---|---|
| Invoice Date : | 25 Oct 2023 |
| Terms : | Net 30 |
| Due Date : | 24 Nov 2023 |
| VAT No : | N/A |

Bill To
**Parl.Sec for Social Dialogue**
Auberge de Castille
Valletta
Malta

Subject :

Filming and Editing of Feature on 25 Sept 2023

| # | Item & Description | Qty | Rate | Tax % | Tax | Amount |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Filming with prompter of news comment, including editing for a social media feature and newsreel on 25 Sept 2023.<br><br>Location: Parl Sec Office - Castille | 1,00 | 250,00 | 18,00 | 45,00 | 250,00 |

| | |
|---|---|
| Sub Total | 250,00 |
| VAT (18%) | 45,00 |
| **Total** | **€295,00** |
| **Balance Due** | **€295,00** |

Notes

VAT DETAILS: MT 2453 6428
Bank Details:
Name: [redacted]
IBAN: [redacted]
BANK OF VALLETTA

# Dokument A.2

Meta

[redacted]
Account ID: 735708581041383

Invoice/payment date
**12 Oct 2023, 13:41**

Payment method
**MasterCard · 2926**
Reference number: SPYAZUPTQ2

Transaction ID
**6696620913787013-13295905**

Product type
**Meta ads**

Paid

# €150.00 EUR

You're being billed because you've reached your €150.00 payment threshold.

## Campaigns

[redacted]

**Post: "Premju Ħaddiema tas-Sena 2023"**
From 27 Sep 2023, 00:00 to 12 Oct 2023, 13:41 — **€50.00**

| | | |
|---|---|---|
| Post: "Premju Ħaddiema tas-Sena 2023" | 28,328 Impressions | €50.00 |

[redacted]

# Dokument A.3

PR231460

**26/09/2023**

# STQARRIJA MIS-SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAD-DJALOGU SOĊJALI Nirrikonoxxu l-għaqal u l-bżulija tal-ħaddiema tagħna: Jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali Andy Ellul ħabbar il-ftuħ uffiċjali tal-applikazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023. Għal sena oħra, dan il-premju ser jingħata taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, u ser ikun qed jirrikonoxxi l-għaqal u l-bżulija tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

Is-Segretarju Parlamentari Ellul tenna li dan il-gvern minn dejjem kellu l-ħaddiema fiċ-ċentru tal-politika tiegħu. Kompla li l-gvern kommess li jdaħħal fis-seħħ aktar liġijiet li tassew jipproteġu u jsaħħu l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'pajjiżna.

Is-Segretarju Parlamentari ħeġġeġ lill-pubbliku biex jipparteċipa u jinnomina lil dawk il-persuni li jaħsbu li huma denji li jirbħu l-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023.

Angela Agius, iċ-Chairperson tal-Bord tal-għażla Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023, qalet li apparti l-premju ewlieni tal-ħaddiem/a tas-sena se jkun hemm tmien kategoriji oħra. Dawn huma:

- il-maniġer/kap tas-sena;
- it-tim tas-sena;
- l-aktar organizzazzjoni inklussiva;
- dik l-organizzazzjoni li tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
- l-aktar kumpanija li tippromwovi r-responsabbiltà soċjali;
- l-aħjar imprenditriċi/imprenditur;
- l-aktar mexxej/ja żagħżugħ/a ispiranti; u
- lifetime achievement.

In-nominazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023 huma miftuħa sa nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru. Wieħed jista' jissottometti n-nomina online billi jidħol fuq is-sit **www.premjuhaddiematassena.com**

Wara li jagħlqu l-applikazzjonijiet, il-bord tal-għażla, li huwa kompost minn membri indipendenti, ser jiddetermina min ser ikunu r-rebbieħa f'kull kategorija biex imbagħad jitħabbru f'ċerimonja li ser issir fil-15 ta' Diċembru taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta George Vella.

# Dokument B.1

**Djalogu Soċjali**

Published by Kathleen Abela · 28 September 2023 ·

Thursday, 28 September 2023 at 11:54

Premju Ħaddiema tas-Sena 2023

Żur www.premjuhaddiematassena.com biex titfa' n-nomina tiegħek!

Visit www.premjuhaddiematassena.com to submit your nomination!



PREMJUHADDIEMATASSENA.COM

**Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023 | Malta**

Learn more

See Insights and Ads

Boost again

**Andy Ellul**

Published by Kathleen Abela · 28 September 2023 ·

Thursday, 28 September 2023 at 12:35

Premju Nazzjonali Ħaddiem[a tas-Sena 2023]

Żur www.premjuhaddiematassena.com biex titfa' n-nomina tiegħek!

Visit www.premjuhaddiematassena.com to submit your nomination!




PREMJUHADDIEMATASSENA.COM

**Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena 2023 | Malta**

Learn more

Alicia Bugeja Said and 131 others

10 comments 44 shares

Like Comment Share

# Dokument B.2

Search Facebook

**Andy Ellul**

Published by Kathleen Abela · 4 October 2023 ·

Bl-azzjonijiet tagħha l-oppożizzjoni mingħaliha trid tneħħi d-dritt ta' dan il-gvern, bl-ikbar mandat fl-istorja, li jmexxi l-pajjiż.

Rajniha nhar it-Tnejn meta lanqas riedet tħalli l-gvern jonora l-obbligu tiegħu li jagħmel stqarrija ministerjali fil-parlament. X'arroganza!

Issa, kumbinazzjoni dalgħodu, il-paladin tal-establishment Karol Aquilina, li nhar it-Tnejn qam jitħambaq fil-Parlament, mar jirrapportani lill-Kummissarju għall-Istandards.

L-iskuża li ġab?

Li dehert fil-filmat tat-tnedija tal-Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena fuq il-paġna Djalogu Soċjali, li fih ħeġġiġna biex ikunu nominati nies għal dan il-premju fejn nirrikonoxxu l-bżulija tal-ħaddiema Maltin minn kull qasam tal-ħajja.

Konna aħna li ħloqna strutturi bħal Kummissarju għall-Istandards. Iżda, l-PN u sħabu jridu jużawhom biex mingħalihom joħonqu l-ħidma tagħna. Mhux se nħalluhom.

Ħidmietna se tibqa' għaddejja b'saħħa f'kull settur, man-nies u viċin in-nies.

Dokument E

# Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onor. Dr. Andy Ellul

Każ: K/053

Data: 18 ta' Marzu 2024

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW
Dr George Camilleri, Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - GC

L-Onor. Dr Andy Ellul - AE

---

JA: - tiegħek, jiġifieri jekk inti tħoss, għandek xi domandi li, li dan, għidilna.Mela taħlef li tgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn inqas mis-sewwa hekk Alla jgħinek.

AE: Yes, naħlef.

JA: Mela, ħa nibdew fuq il-53, iġifieri fuq ir-riklam l-ewwel, ok biex noħduhom waħda, waħda.

AE: Tajjeb. Mhmm.

JA: Mela, inti ppreżentajtilna Dokument A, sewwa -

AE: mhmm

JA: - li kien redacted.

AE: Mhmm.

JA: Erm, tista' tippreżentalna kopja sħiħa –

AE: Yes

JA: - u mbagħad nagħmlu redaction aħna? Aħna jiġifieri -

AE: Yes

JA: - dejjem hekk għamilna -

AE: Yes

JA: - u fejn naraw li m'għandhiex x'taqsam mal-complaint, aħna

AE: Prosit

JA: Aħna naqtgħuhom il-barra u ma jkunux aċċessibbli għal ħadd

AE: Mela jiena ġie redacted, ħa, ħa, ħalli -

JA: Ijja yes, yes, yes.

AE: - Nikkjarifika, għaliex, eh dak huwa ta' persuna li jaħdem fil-qasam tal-komunikattiva, erm u ovvjament erm kellu affarijiet oħra. Jiġifieri jiena ħa nippreżenta l-full erm document, ovvjament ma nixtieqx li -

JA: Le, le, le. Aħna, jinteressana -

AE: Issa, mela dan huwa erm, dokument, ta' credit card ta' Mr Luke Cassar, iġifieri waħda minnhom hija erm Premju Ħaddiem tas-Sena, 12th October, li hija 50 Euro, kemm kien, inizjalment il-, il-, il-, il-boost. Mela dan huwa d-dokument. Erm, din hija tal-erm, din hija tal- erm, - tal-boost. Bażikament ehh, għax huwa għamel tlieta, waħda minnhom kienet, dak, kellu tlieta, ma nafx jekk tridx nipprezentahom ukoll, mal-istess account dawn tiegħu, biex nip-, biex nipprova ampjament illi erm - ħa, ħa nesebihom ukoll għal, għal, għal kull buon fini. Għal kull buon fini. Ovvjament li ma nixtieqx li, li nesponieh għaliex hu -

JA: Le, le, le -

AE: M'għandux x'jaqsam xejn -

JA: - Aħna, aħna fejn, jinvolvu terzi persuni li m'humiex fil-politika, nippruvaw kemm jista' jkun, jibqgħu barra, mill-, erm -

AE: Pero' dik tindika biċ-ċar li ma kienx hemm fondi pubbliċi, involuti.

JA: Anzi llum il-, anzi kważi, kważi min mhux qiegħed fil-Parlament, għax anka min kien fil-politika u m'għadux, m', m'għandniex ġurisdizzjoni fuqu illum.

AE: Hekk hu

JA: Mela, skond il-liġi ta, mhux illum. Mela erm tista' tgħidilna min kien responsabbli għar-riklam, jiġifieri mill-staff tiegħek?

AE: Dan il-persuna.

JA: L-istess persuna.

AE: Iva. Li ħa ħsieb illi, jsir il-filmat, l- ewwelnett ħa npoġġi kollox f', f'kuntest. Erm, dana kien f'Ottubru, u f'Diċembru jsir l-event, iġifieri riedna illi, japplikaw il-, l-ażjendi, jinnominaw lil xi ħadd, ridt naħtar il-bord, u mbagħad jiġu magħżula, imbagħad, jiġifieri kien hemm element illi aħna ridna ninfurmaw lill-pubbliku, erm issottomettu l-applikazzjoniiet għax kien hemm process xi jsir. Ovvjament, isir fi-, mas-, is-segretarjat tiegħi mal-uffiċċju tal-President allura jridu jiġi segwiti ċertu protocol, u, l-għan kien, għalhekk jiena anke fir-risposta tiegħi, mhux b'xi mod biex, kieku ridt nippromwovi lili nnifsi mhiex - ħa nippromwovi b'dak il-mod, imma ridna inħeġġu l-pubbliku erm, biex jissottometti n-nomina - dawn- dan huwa event nazzjonali jiġifieri fil-fatt jekk iseg - m'għandix dubju li segwejtu, jiġi mxandar ir-, ir-riżultati mbagħad jiġu –

JA: Ġieli fl-antik ġieli kont inkun mistieden jien, għal, għal, għal x'jismu imma qed nitkellmu għoxrin sena ilu dan imma -

AE: Jiġifieri dana rebħuh erm Dun Victor Grech, erm nies erm li ħadmu fil-, fil- qasam tad-dementia, tobba, iġifieri dan huwa, huwa, hija event ta' portata nazzjonali.

JA: Erm, tista' tgħidilna wkoll għal, għal liema raġuni deher Dar il-Mediterran bħala l-entità li ħallset għar-riklam?

AE: Ma, ma ħallsitx, mhux Dar il-Mediterran ħallset. Dar il-Mediterran m'għandha x'taqsam assolutament xejn, iġifieri ma nistax nifhem għalfejn qed tgħiduli li ħallset Dar il-Mediterran, għax imkien ma jirriżulta li ħallset Dar il-Mediterran. Il-, il-, il- erm, il-filmat tħal - tħallas mis-segretarjat u l-boost erm, m'għandux x'jaqsam ma fondi pubbliċi. Dar il-Mediterran sar l-event erm fejn, fejn sar l-event.

SPW: Fuq Facebook però illum il-ġurnata hemm transparency measures li kienu introduċew ma nafx meta, -

AE: Ehe

SPW: - u Dar il-Mediterran tidher bħala payer/beneficiary, tar-riklam in kwistjoni, naħseb għandek kopja tal-, tal-paġna ta' Facebook.

AE: Jien għandi hawn, ma, ma nafx, mhux ħa nmerik imma erm, qiegħda xi ħaġa hekk.

CP: Iġifieri s-sinifikanza ta' din għalina hija li din hija r-reklam kif deher fuq il-paġna personali tiegħek.

AE: Fejn qed tarawha Dar il-Mediterran? Ah, mela, beneficiary, when targeting certain locations, advertisers are required to disclose who will benefit from - no, imma, no, Dar il-Mediterran m'għandha x'taqsam xejn, la bħala beneficiary, u lanqas bħala payer, iġifieri ma nafx, ma nafx nirrispondi fuqha din.

SPW: Forsi din il-persuna li mit-team tiegħek -

AE: Ehe.

SPW: - Jista' jgħina f'dak ir-rigward, għax nassumi li hu kien risponsabbli biex -

AE: Ijja mela, ma, m'għandix problema, j-, jispjegaha, imma, ħa nerġa' ngħid iġifieri il-payment sar minn, minn din il-persuna, u Dar il-Mediterran m'għandha x'taqsam xejn ħlief li sar l-event hemmhekk, iġifieri li għamilna krejna, imma jista' jitla' jispjegaha, erm -

SPW: Meta jiġi għall-, għall-immaniġjar tal-page tal-Facebook tiegħek -

AE: Ehe.

SPW: - Normalment l-istess persuna tkun risponsabbli, jew hemm diversi nies li mbagħad ikollhom aċċess per eżempju, f'dan il-każ għar-riklam –

AE: Hemm –

SPW: - Id-dettalji li jistgħu –

AE: Le, hemm diversi nies, imma f'dan il-każ, dan, dan il-persuna ħa ħsiebha.

SPW: Ok

JA: Nim- nimmaġina naturalment il-, il- erm, id-dipartiment tiegħek ħallas il-kera lil, lil Dar il-Mediterran hux hekk?

AE: Mhux hekk u, krejnieha u -

JA: Normali insomma.

AE: Iġifieri kien hemm, yes, yes. Imma jien ma nidħolx fihom dawn, dawk issues ta' procurement iġifieri eh kien hemm ehhh il-, il-back drops, id-dawl, is-sound, li jsiru f'events normali. Però Dar il-Mediterran m'għandha x'taqsam xejn ma', ma' dan. Imma jista' jitla' u jispjega hu, jiġifieri probabbli dik xi input, ma, ma nafx.

CP: Iġifieri biex inkunu ċari l-istess persuna kienet qed tieħu ħsieb anki l-pubbliċità fuq, fuq il-paġna personali tiegħek?

AE: Il-paġna personali tiegħi hemm diversi nies jieħdu ħsiebha.

SPW: Ok, so dan l-individwu -

AE: Yes, imma ukoll.

SPW: Hekk hu, so same person, għall-kont tal-Facebook erm, tal-, tad-djalogu soċjali biex nifthemu -

AE: Mhm mhm mhm.

SPW: - U tiegħek personali.

AE: Imma tiegħi personali, hemm ħafna nies jieħdu ħsiebha wkoll, iġifieri.

SPW: Okay alright

JA: U hemm x'indi- iġifieri, m'hemmx -

AE: X'inhi l-issue, jekk jew forsi għiduli x'inhi l-issue, għalfejn qed tistaqsuni din il-mistoqsija nkun nista' nifhem aħjar -

SPW: Għax aħna ma, ma, m'għandniex idea għalfejn dehret Dar il-Mediterran -

AE: Lanqas jien onestament, iġifieri -

JA: Iġifieri d-domanda li kont se ngħamillek, jekk hemmx individwi fis-segretarjat tiegħek li għandhom xi konnessjoni ma' Dar il-Mediterran ukoll-

AE: Hekk hu, not at all no.

JA: Tiġi, tiġi –

AE: Le le

JA: - Superfluwa.

AE: Għax din Beneficiary ma, u lanqas hija payer. Beneficiary fis-sens li għamilna l-event hemmhekk.

JA: Eżatt. Hekk hu ħallastu l-kera.

AE: Erm, imma payer ma, ma, ma nafx. I mean, forsi hemm xi drop down list, ma nistax nifhem.

SPW: Għalhekk għalhekk -

JA: Aħna ukoll, aħna ukoll għamilna attivitajiet hemm fil-fatt -

AE: Eh, mela, mela eżatt.

JA: Kont preżenti inti iġifieri -

AE: Imma - ma nafx, onestament jista' jitla', faċilment u, u jispjega hu.

JA: Ok.

SPW: Ok.

JA: Hemm xi domandi oħra? Dottoressa jew Charles?

CP: Xejn minn naħa tiegħi.

SPW: Fuq din le, ok?

JA: Nagħlqu fuq din? Ok mela dik hija s-

AE: Erm jiena l-punt ħa nerga' nisħaq, għax l-ilment kien, li użajt fondi pubbliċi għal, għal, għal għal boost, iġifieri jien, jiena ħareġ ċar illi, it's not the case fil-verità.

JA: Ok.

AE: Il-, il-, id-dwejjaq li għandi li ħlejt tlett ijiem -

JA: Iva.

AE: Għal 50 Euro erm -

JA: Iva. Hekk hu, hekk hu. Illum, illum -

AE: U, u, il-gazzetti, illi jħamġuk ab initio, iġifieri jien esebejthom, segretarju parlamentari jinqabad jabbuża minn fondi pubbliċi. Ab initio, iġifieri - dan tiegħek.

JA: Ok. Mela ħa nagħlaq fuq din. Din hija s-sustanza ta' xhieda, ħa nerġa niftaħ ta imbagħad. Din hija sustanza ta' xhieda ta', tas-Segretartju Parlamentari Dr Andy Ellul, dettata minnu stess fuq it-tape. Mela issa niġu għall-każ -

# K053 – Sommarju ta' laqgħa mas-Sur Luke Cassar

| | |
|---|---|
| Każ: | K/053 |
| Data: | 3 ta' Mejju fil-11.00 |
| Preżenti: | Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika<br>Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br>Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju<br><br>Is-Sur Luke Cassar |

Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta l-ġurament lix-xhud, is-Sur Luke Cassar, u fakkru li mhuwiex qed jiġi investigat minnu però li seta' jagħżel li ma jirrispondix jekk ħaseb li seta' jinkrimina ruħu.

**Il-kariga tas-Sur Cassar fis-Segretarjat tal-Onor. Ellul**

Is-Sur Cassar ġie mistoqsi jispjega x-xogħol tiegħu fis-segretarjat tal-Onor. Andy Ellul. F'dan ir-rigward, qal li ma jaħdimx *'full-time'* mas-segretarjat, però li jaħdem 30 siegħa fix-xahar, u li x-xogħol tiegħu huwa primarjament:

> *"mal-attivitajiet jekk għandhom x'jaqsmu ma' press conferences, events, u affarijiet ta' dik ix-xorta. Barra minn hekk, meta jkun hemm nuqqas għax xi ħadd ikun jew bil-leave jew ma jkunx hemm persuna, nagħmel ukoll xogħol rilatat ma' midja, għandi esperjenza f'dak il-qasam, allura qisu speċi meta jkun hemm nuqqas, I take over u nagħmel ċertu press releases, meta jkun hemm il-bżonn, erm u f'ċertu instanzi nagħmel ukoll social media posts."*[1]

**Il-kontijiet/paġni tal-mezzi soċjali bl-isem 'Djalogu Soċjali' u tal-Onor. Ellul**

Fir-rigward tal-kontijiet/paġni tal-mezzi soċjali uffiċjali, f'dan il-każ il-paġna fuq Facebook bl-isem '*Djalogu Soċjali*', mistoqsi dwar min jieħu ħsieb/jimmaniġġja l-mezzi soċjali fis-segretarjat tal-Onor. Ellul, is-Sur Cassar qal li:

> *"- jiena fost, ma' nies oħrajn, għandna kontroll fuq il-paġna [...] ta' Facebook, tad-Djalogu Soċjali. Issa Djalogu Soċjali fiha, Djalogu Soċjali l-paġna fuq Facebook, ma jidhirlix li għandna Instagram u affarijiet oħra, jidhirli li Facebook biss għandna, mhijiex xi paġna sigrieta. Erm, imma kontroll għandi jiena, u ovvjament nies oħra fis-segretarjat, jekk tridu nista' ngħaddilkom lista għax tinbidel skont min ikun hemm. Erm, basically that's it. Issa imbagħad tal-Onorevoli Ellul personali jien ukoll għandi aċċess għaliha, ġejja anke minn qabel l-elezzjoni meta kien għadu mhux membru fil-Kabinett, erm, u hemm ukoll nies oħrajn li għandhom aċċess għaliha."*[2]

[1] Reġistrazzjoni tax-xhieda 01:01
[2] Reġistrazzjoni tax-xhieda 02:03

Is-Sur Cassar spjega li mhux kulħadd għandu l-istess livell ta' aċċess fuq din il-paġna u qal li fil-livell tas-segretarjat, hu jkollu '*overarching rights'*. Spjega li l-aċċess għall-paġna jista' jingħata ukoll lil individwi oħrajn skont il-bżonn.

**Il-pubblikazzjoni u '*boosting'* tal-*post* suġġett tal-ilment**

Mistoqsi biex jispjega l-proċess ta' kif ġie ppubblikat ir-riklam in kwistjoni, is-Sur Cassar qal:

> *"Mela, il-pubblikazzjoni per se kienet rilatata mal-Premju Ħaddiem tas-Sena. Issa, din ġrat anke s-sena ta' qabel, fejn aħna għamilna konfere- press conference li d-differenza bejn is-sena ta' qabel u dis-sena kienet li dis-sena ħarġet DOI only, ma nafx inthomx familjari ma' kif taħdem is-sistema imma, il-, press conference ġeneralment ikollha livelli differenti, full press ikunu mistednin il-media, DOI only ikun, li tinħadem just mill-, mill-, mis-segretarjat u mbagħad toħroġ through id-DOI u tiġi ppubblikata b'set ta' ritratti u ġieli filmati"*[3] u

> *"din il-press conference, din l-instance partikolari ġrat hekk iġifieri kienet a DOI only event fejn tkellmu s-Segretarju Parlamentari u Angela Agius li tiġi l-President jew tiġi ċ-Chairperson tal-, tal-kumitat tal-, tal-Premju Ħaddiem tas-Sena u mbagħad ħriġna għall-mezzi tal-midja, ħriġna l-filmat u ħriġna r-ritratti - u fost il-filmati kien hemm is-social media video li ħareġ fuq il-, fuq il-Facebook."*[4]

Mistoqsi jekk hu kien responsabbli biex ittella' dan ir-riklam fuq il-paġna tal-Facebook, is-Sur Cassar qal:

> *"Dak ma kienx riklam, dak kien video clip, sar, sar riklam wara, jiġifieri oriġinarjament kien, kien video ta' social media, li bħal videos oħrajn f'dan il-, f'dan l-instance partikolari ehe naħseb jien, jidhirli milli nista' niftakar li jiena tellajtu, ħabba l-fatt li l-persuna, ma kienx hemm Communications dak iż-żmien."*[5]

Is-Sur Cassar ġie mistoqsi jekk kienet xi ħaġa normali li membru tas-segretarjat iħallas għal riklam. Qal li din qatt ma saret, u milli seta' jiftakar, ma reġgħetx saret. Kompla jispjega:

> *"Li kellu jiġri u kien żball min-naħa tiegħi kien li jien kelli nagħmel boosting fuq il-page tas-Segretarju Parlamentari, tiegħu personali, jiġifieri, unfortunately għamiltha mill-mobile u inzertajt ma tantx jiena prattiku mal-mobile u ma, ma kellix aċċess għal-laptop u flok għażilt il-paġna, għandi numru ta' paġni, flok għażilt il-paġna tas-Segretarju Parlamentari, għażilt il-paġna ta' Djalogu Soċjali, jiġifieri, minn dak il-lat kien żball min-naħa tiegħi."*[6]

Mistoqsi biex jgħid jekk kienet intenzjonata li l-filmat jidher fuq il-paġna 'Djalogu Soċjali' bħala *boosted/sponsored post*, is-Sur Cassar qal:

> *"[I]l-video dejjem jitla' l-ewwel fuq il-paġna tad-Djalogu Soċjali, ħabba r-raġuni li huwa video li huwa produced għal, għall-operat tal-gvern. Issa, once li jkun hemmhekk, ħafna drabi, wara ftit ħin, intellgħuh ukoll fuq il-paġna tal-, tas-Segretarju Parlamentari kif jagħmlu - kulħadd. Hemm raġuni ukoll il-fatt li aktar għar-reach tal-pages, ta' waħda huwa vera, żgħir, mentri mbagħad tal-politiku, għal, għal bosta raġunijiet li m'hemmx għalfejn nidħlu fihom, tkun ikbar. So, jiena, tellajtu fuq l-ewwel waħda u imbagħad tellajtu fuq it-tieni waħda. Meta tellajtu fuq it-tieni waħda flok għamilt boost fuq dik, għamilt boost fuq l-oħra. Issa, ġeneralment anke fuq*

[3] Reġistrazzjoni tax-xhieda 03:39
[4] Reġistrazzjoni tax-xhieda 04:10
[5] Reġistrazzjoni tax-xhieda 04:43
[6] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:15

*tas-Segretarju Parlamentari, ma nagħmlux boost, jiġifieri rari jsir boost, sar boost fuq din in particular għax meta tagħmel boost Facebook itik il-function li flok tħallih tagħmel button biex in-nies jistgħu jagħmlu xi ħaġa, f'dan il-każ, to apply*[7]*, jiġifieri x-xewqa kienet li aħjar tagħmel boost biex in-nies jagħmlu s-submissions tagħhom fuq website li hija totalment separata minn Facebook biex ikun hemm submissions għall-Premju Ħaddiem tas-Sena, jiġifieri, dik kienet l-intenzjoni għalfejn saret il-boost, biex ikun hemm il-functionality ta' din il-button."*[8]

Mistoqsi kienet intenzjonata li l-*boost* isir fuq il-paġna personali tal-Onor. Ellul, is-Sur Cassar qal: *"Iva, minn fondi personali"*[9]. Mistoqsi jekk l-iskop tal-*boost* kien sabiex in-nies japplikaw għall-premju, is-Sur Cassar irrisponda: *"biex ikun hemm iktar reach għall-Premju Ħaddiem tas-Sena."*[10] Spjega li:

*"is-Segretarju Parlamentari inzerta ma tantx għandu remit wiesgħa allura kull ħaġa li, li nagħmlu nippruvaw kemm jista' jkun, nimbuttaw, I mean, unfortunately, ir-remit fil-Kabinett huwa żgħir, u l-Premju Ħaddiem tas-Sena huwa l-iktar ħaġa li forsi tagħtih viżibbilità fuq livell ta' xi ħaġa tanġibbli għax ħafna drabi jkun qed jitkellem fuq, fuq, drittijiet li ċerti nies, u speċjalment it-target audience, tagħna, ma tifhimhomx."*[11]

Mistoqsi jekk wieħed jista' juża ċerti '*features'* fuq Facebook biss jekk iħallas jew jagħmel *boosted post*, is-Sur Cassar wieġeb fl-affermattiv u qal li dan jista' jsir biss jekk ikun hemm *"xi tip ta' input finanzjarju, issa tista' tkun 10 euro, tista' tkun 5000, imma ovvjament f'dan il-każ kienet 50 jidhirli"*[12].

Mistoqsi jekk kellux xi struzzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' dan il-post, jew jekk ħadem fuq inizjattiva tiegħu, is-Sur Cassar qal:

*"le kienet inizjattiva tiegħi li li li, li jsir boost, jiġifieri ġeneralment, ehe nitkellmu isma ejja naraw kif din toħroġ – inti ġeneralment Facebook għandek limit jekk m'għandekx boost, jekk tagħmel boost, qisu jittrip - jittriplikkalek ir-reach, so – u, ħabba l-fatt li, qisu, hemm ċertu posts li mhux worth it tagħmillhom imma hemm ċertu posts li worth it. Once li inti tagħmel dik il-boost, jekk imbagħad in-nies jagħmlulek 'like' tagħmilhom 'invite' ħa jiżdiedu fuq il-page allura qisek qed tkabbar ir-reach ukoll tal-page, u ħafna drabi, ċertu, ċertu instances, rari ta jiġifieri, tgħoddhom fuq idejk, nagħmlu boost biex jiżdied, per eżempju, ġieli għamel boost, ġieli għamilha hu stess, erm fuq tal-Milied, nagħmlu mod, jew fuq xi ħaġ'oħra."*[13]

Mistoqsi jekk l-impjegati fis-segretarjat li x-xogħolhom jinvolvi l-mezzi soċjali jaħdmu għal rashom jew jekk jirċievu struzzjonijiet fir-rigward ta' *posts* u *boosts* speċifiċi, is-Sur Cassar qal li ħafna drabi, jkun hemm diskussjoni internament *"jiġifieri, niddiskutuhom ta, għandna Whatsapp group u ngħidu' isma din, worth it?' u xi ħadd jgħid iva nagħmluha, jew ma nagħmluhiex"*[14]. Qal li

[7] Iktar tard waqt din il-laqgħa, is-Sur Cassar esebixxa l-mowbajl tiegħu meta ġie biex jispjega kif ġie ppubblikat ir-riklam in kwistjoni, u indika b'mod iktar preċiż li l-function li ried juża fuq il-boosted post kien function intitolat 'Learn more' (reġistrazzjoni tax-xhieda 14:20).

[8] Reġistrazzjoni tax-xhieda 05:53

[9] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:10

[10] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:16

[11] Reġistrazzjoni tax-xhieda 07:22

[12] Reġistrazzjoni tax-xhieda 08:08

[13] Reġistrazzjoni tax-xhieda 08:33

[14] Reġistrazzjoni tax-xhieda 09:50

ħafna drabi ma ssirx diskussjoni dwar il-*posts/boosts* fuq il-mezzi soċjali, għaliex ħafna mill-'*posts'* ma jkunux '*boosted'*.

**Il-ħlas għar-riklam**

Mitlub jikkonferma li d-dokumenti ppreżentati mill-Onor. Ellul kienu kopji ta' kontijiet tiegħu, is-Sur Cassar ikkonferma li d-dokumenti kienu kopja tal-kont tiegħu minn fejn jimmaniġġja l-mezzi soċjali, u kopja ta' kont bankarju tiegħu minn fejn tħallas l-ammont għall-*boost* tar-riklam in kwistjoni. Qal ukoll li dak l-ammont sussegwentement ġie rifondat mill-Onor. Ellul:

> "*iva iva dawk huma tiegħi, ehe bażikament il-, il-, mela il-Facebook jitħallas skont mingħalija meta jilħaq reach, issa kif tista' tara hawn affarjiet oħra [...] għax jiena ovvjament nagħmel xogħol anke għal, għal entitajiet oħra*"[15] u
>
> "*minn dan tħallas mir-Revolut account li huwa tiegħi*"[16] u "*suppost kellu jgħaddielkom li mbagħad għaddiehomli hu l-50 euro*"[17].

**Għalfejn dehret Dar il-Mediterran bħala l-*Beneficiary* u *Payer* fuq ir-riklam**

Mistoqsi għalfejn Dar il-Mediterran dehret bħala l-*Beneficiary* u *Payer* fuq ir-riklam imtella' fuq il-paġna tal-Onor. Ellul, is-Sur Cassar spjega li f'dak il-perjodu, *Facebook* kien introduċa r-*Reporting function* li tirrikjedi li wieħed jindika min ħa jibbenifika minn *boosted post*.

F'dan il-każ, qal li:

> *"il-'Beneficiary', dejjem, għal xi - tiegħi, ma nafx jekk hux ta' kulħadd l-istess, jieħu l-ewwel wieħed, flok jagħmel placeholder text, jieħu l-ewwel wieħed li qatt għamilt, li nzerta kien Mediterranean Conference Centre, u meta għafast submit, tela' b'dak, jiġifieri jekk nerġgħu nagħmluha issa, jekk naqbdu post in general, ħa jerġa' jtellana Mediterranean Conference Centre, jiġifieri dak kien, żball number two, min-naħa tiegħi. Sfortunament ġrat f'ġurnata fejn ma kontx qed nistenna li ħa ssir il-boost, hekk kif għidtilkom għamiltha mill-mobile u qbadt u għafast boost post - ."*[18]

F'dan l-istadju s-Sur Cassar eżebixxa l-mowbajl tiegħu lil dan l-Uffiċċju u spjega kif sar l-iżball permezz ta' liema Dar il-Mediterran ġiet indikata bħala l-*Beneficiary* u *Payer* tar-riklam. Is-Sur Cassar qal li meta jimmaniġġja kwalunkwe riklam/*boosted post*, minħabba dan il-'*glitch'*, l-uniku isem li jidher fil-lista minn fejn jista' jagħżel isem ta' *Beneficiary* u *Payer* huwa 'Mediterranean Conference Centre'. Mistoqsi jekk jista' jżid ismijiet ta' entitajiet oħra u jekk dawn imbagħad jidhru f'lista (f'dropdown menu), is-Sur Cassar qal li xorta jidher biss isem Dar il-Mediterran, bħala l-ewwel entità li qatt indika bħala *Beneficiary* u *Payer*, u li ma jistax ineħħih.

Qal:

> "*fil-fatt jekk taraha issa din just għamiltha hekk biex, biex just sempliċiment, mhux ħa nagħmel boost għax m'għandix bżonn, imma jekk taraha issa, jekk tara minn fejn 'Choose Beneficiary' xorta jibqa' jgħidlek – jiġifieri inti trid tagħmel hekk u 'create new', [...] u ma nistax*

[15] Reġistrazzjoni tax-xhieda 10:36
[16] Reġistrazzjoni tax-xhieda 10:53
[17] Reġistrazzjoni tax- xhieda 11:03
[18] Reġistrazzjoni tax-xhieda 11:26

*nifhem ilgħala din il-Facebook għamluha hekk, jiġifieri jekk tagħmel żb - u m'hemmx ċans tirranġaha jekk tagħmel żball għax once li telgħet - ."* [19] u

*"Kienet function ġdida dak iż-zmien, jiġifieri kien ilhom xi xahar kienu għamluha. Inzerta l-ewwel darba li użajtha jiena, u kif jidhru anke f', - hemmhekk, kienet għax kont qed nagħmel biċċa xogħol, lill-MCC, Mediterranean Conference Centre, kienu qed jagħmlu, aw kellhom event, u nzertajt ibboostjajt, u ovvjament kelli nikteb min kien il-Beneficiary. Little did I know li l-Beneficiary baqa' jidher hekk, fuq, fuq il-x'jismu, jiġifieri llum il-ġurnata ġieli, ġieli nkun ħa nagħmilha l-iżball u niftakar fikom"*[20] u

*"iċ-ċuċata hija li jekk inti tolqot boost post li qiegħda viċin waqt li qed tagħmilha, once li għamiltha you're, you can't change it."*[21]

Mistoqsi jekk dan il-*'glitch'* fejn ma jidhrux ismijiet ta' entitajiet oħra jirriżulta ukoll fuq laptop, is-Sur Cassar irrisponda fl-affermattiv, però qal li hija iktar faċli li individwu jara l-paġna sħiħa fuq laptop għax hemm iktar spazju, u huwa inqas faċli li wieħed jieħu żball minħabba l-format tal-paġna fuq kompjuter.

Fir-rigward tal-paġna uffiċjali, ċioè 'Djalogu Soċjali', fejn deher ukoll riklam dwar il-Premju Ħaddiem tas-Sena, il-*Beneficiary* u *Payer* indikat fuq dak ir-riklam huwa l-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena. Is-Sur Cassar qal li meta ġie biex jibboostja l-*post* fuq dik il-paġna, kien induna bl-iżball u biddel id-dettalji qabel ma tella' l-*post*.

Qal ukoll illi sfortunatament, il-*Beneficiary* u *Payer* jistgħu jiġu ttajpjati manwalment mingħajr restrizzjoni jew bżonn ta' konferma ta' min qed jibbenifika minn, jew iħallas għall-*post*.

| | |
|---|---|
| Sommarju magħmul minn: | Dr Sarah Pace Warrington |
| Data tal-aħħar reviżjoni: | 22 ta' Mejju 2024 |

[19] Reġistrazzjoni tax-xhieda 12:05
[20] Reġistrazzjoni tax-xhieda 12:39
[21] Reġistrazzjoni tax-xhieda 15:17

# Traskrizzjoni tax-xhieda tal-Onor. Dr. Andy Ellul

Każ: K/053

Data: 10 ta’ Lulju 2024 fl-10:00am

Preżenti: Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi, Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika - JA
Charles Polidano, Direttur Ġenerali fl-uffiċċju tal-Kummissarju - CP
Dr Sarah Pace Warrington, Senior Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - SPW
Dr George Camilleri, Investigator fl-uffiċċju tal-Kummissarju - GC

L-Onor. Dr Andy Ellul – AE

Is-Sur Sean Mangion, Kap tas-Segretarjat, SM

---

JA: Każ numru 53, preżenti il-Kummissarju, id-Direttur Ġenerali, l-avukat, investigatur, senior, avolja għadha żgħira, Dr. Pace Warrington, u investigatur Dr George Camilleri. U preżenti Dr Ellul, naturalment, is-Segretarju Parlamentari u s-Sur -?

SM: Head of Secretariat

JA: eh –

SM: Sean

JA: Head of Secretariat?

SM: Sean Mangion, Sean Mangion

JA: Sean Mangion. Mela, Dr Ellul xtaq jagħmel –

AE: iva, hekk hu

JA: - xi osservazzjonijiet.

AE: Eżatt, jiena xtaqt nagħmel kjarifika, fis-sens, illi, l-evidenza li ressaqt, fejn is-sur Cassar spjega illi erm min-naħa tiegħu kien sar żball, għaliex ried jibboostja page u bboostja oħra, jiġifieri dik l-evidenza jien, dik -, dak ix-xhud ħa ngħid hekk, ressaqtu, għax dik hija l-verità, għax la ma tħallsux minn, minn fondi pubbliċi, dik hija l-verità, però ma ressaqtx din l-evidenza biex b’xi mod, nagħti x’nifhem erm, jew, l-opinjoni tiegħi hija dwar il-fatt illi jekk isir boost, minn fondi pubbliċi dak ikun hemm xi ksur tal-linji gwida -

JA: Neċessarjament

AE: Neċessarjament

JA: Għax jista’ jkollok u

AE: Neċessarjament, iġifieri, erġajt tlabt biex nerġa' nixhed hawnhekk, biex ma niġix interpretat illi b'xi mod ressaqt dik l-evidenza u, niġi nterpretat li qed ngħid illi jekk tagħmel boost minn fondi pubbliċi fiċ-ċirkostanzi kollha, tkun qed tikser il-linji gwida -

JA: Alright

AE: Jiġifieri, ressaqt, skużani qed nirrepeti imma –

JA: Le le ma jimpurtax jiġifieri ara qed nifhmekx tajjeb

AE: - ressaqt dak ix-xhud –

JA: Jiġifieri l-boost –

AE: - għax dik hija l-verità -

JA: sewwa

AE: - ħa żball –

JA: Jekk qed nifhmek sew, il-boo – jekk isir boost, jekk ikun ta' xi ħaġa, jien naf ta' importanza nazzjonali hemmhekk alright jiġifieri–

AE: eżatt, jiena nemmen illi, l-ewwelne –

JA: hemm boost u boost biex niftehmu, qed, fhimtek sew?

AE: eżatt, eżatt

JA: alright alright

AE: L-ewwelnett il-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri, jobbligana, ninfurmaw il-pubbliku b'ċertu affarijiet, issa fil-każ tiegħi, la qiegħed hawn, ħa ngħidha, it was something, huwa Premju Nazzjonali Ħaddiema tas-Sena, jiġifieri, fejn, jin-, jin-, jinħatru panel ta' judges indipendenti, erm, hemm skrutinju, ki-, kif isiru, kif jintgħażlu, hemm proċess pubbliku kif wieħed japplika, u ovvjament jien bħala politiku, irrid li jkolli konkorrenza għax ma rridx –

JA: ikun flop

AE: heqq eżatt, erm, iġifieri u issa erġajna bdejna l-proċess, u jerġa' jibda l-ħsieb illi isma, ħa jkollna, applikanti biżżejjed? Jiġifieri fejn jien, fejn jiena bħala politiku nħoss li mhux qed inkun partiġġjan u mhux qed nittargetja l-kostitwenza imma hi – hija xi ħaġa on a national level, Alla ħares nasal fi stat illi ma nkunx nista' nagħmel, boost, biex, erm, inġib iktar, inġib iktar target audience, jiġifieri jiena, dak kollox.

JA: Ok. Din hija s-sustanza tal-intervent tal-Onorevoli Andy Ellul, dettata minnu stess fuq it-tape.

Dokument H

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦAD-DJALOGU SOĊJALI

24 ta' Settembru 2024

Lill-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Għażiż Kummissarju, Prim Imħallef Emeritus,

Nirreferi għall-ittra tiegħek datata 2 ta' Settembru 2024 in konnessjoni mal-investigazzjoni li l-uffiċċju tiegħek intalab jagħmel mill-Onorevoli Karol Aquilina u Ivan Castillo b'referenza għall-"Każ K/053 riklam imħallas minn fondi pubbliċi".

Illi b'rispett lejn l-awtorità tal-ufficju tiegħek, m'għandi l-ebda oġġezzjoni li nagħmel apoloġija kif ġie propost u nimpenja ruħi li fil-promozzjoni ta' avvenimenti pubbliċi li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà politika tiegħi, dan l-akkadut ma jirrepetix ruħu.

Madankollu, umilment nirrileva li l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari (it-Tieni Skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (KAP570)), u senjatament klawsola numru 10, titfa' responsabbiltà wkoll fuqi bħala Segretarju Parlamentari li ngħarraf (10.1) *"...lill-pubbliku u lill-media bl-attivitajiet ministerjali fuq bażi regolari u b'mod organizzat"*. Fl-istess waqt, klawsola 10.4 ttenni illi *"fl-interess pubbliku, il-Ministri għandhom jaraw li jkollhom komunikazzjoni miftuħa mal-imsieħba soċjali, għaqdiet mhux governattivi, għaqdiet professjonali, mezzi tax-xandir u pubbliku inġenerali"*.

Illi l-promozzjoni tal-avveniment in kwistjoni saret propju fl-ispirtu ta' dawn ir-responsabbilitajiet espressi fil-kodiċi ta' Etika u għall-ebda skop ieħor.

Finalment, nerġa' ntenni l-pożizzjoni diġa espressa fil-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-bzonn li nħarsu lejn 'Guidelines on Government Advertising and Promotional Material" ippubblikati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika preċedenti, b'tali mod li nassiguraw li dawn jilħqu l-iskop tagħhom, b'rispett lejn ir-responsabbilitajiet kollha stabbiliti fil-kodiċi tal-etika.

Għaldaqstant, minkejja r-rimarki tiegħi fir-rigward tad-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tiegħi, umilment nikkonferma illi qiegħed nagħmel apoloġija, u nimpenja ruħi li fil-promozzjoni ta' avvenimenti pubbliċi li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà politika tiegħi, dan l-akkadut ma jirrepetix ruħu.

Kordjalment,

Andy Ellul